**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 546/2017 AF**

**Anthony Camilleri u martu Lorenza Camilleri**

**vs**

**David Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-atturi Anthony Camilleri u martu Lorenza Camilleri, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimat jigi r-ragel ta' bint l-atturi jisimha Lorraine Borg.

L-intimat jahdem ghal rasu fix-xoghol tal-bini.

Xi zmien ilu l-intimat kien talab lill-attur sabiex isellfu l-flus ghal bzonnijiet personali tieghu u kif ukoll biex ihallas xi pagi tal-haddiema impjegati mieghu.

L-attur accetta li jsellfu l-flus bil-patt li jroddhomlu lura hekk kif jitlobhomlu.

Fil-fatt l-esponent silef lill-intimat f'diversi okkazzjonijiet s-somma komplessiva ta madwar €29,000.

Wara li l-intimat hallas pagament akkont ta' madwar €2,000, jifdal bilanc x'jithallas fis-somma ta €27,146.

Bejn l-intimat u martu Lorraine Borg kien gie ffirmat kuntratt ta' separazzjoni tal-beni u ghalhekk sew is-self u kif ukoll l-obbligu ta' hlas lura ghandu jinkombi esklussivament fuq l-istess intimat wahdu.

Meta mitlub biex irodd lura dawn il-flus mislufa, l-intimat qed jirrifjuta li jaghmel dan.

Ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-odjerni proceduri.

Il-fatti fuq esposti li jifformaw parti mill-premessi huma maghrufa personalment lill-istess esponent Anthony Camilleri.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' €27,146 jew somma ohra verjuri li jista jirrizulta waqt l-ismiegh tal-provi; u

2. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lill-atturi s-somma ta' €27,146 jew somma verjuri li tista tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti skond il-provi migjuba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet legali li

jibqghu jiddekorru skond il-ligi sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut David Borg, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom, u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

1. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ma silfu ebda flejjes lill-istanti kif minnhom allegat. Ghalhekk l-esponenti, ma ghandu jhallas xejn lill-istess rikorrenti.

   Din il-pretensjoni tar-rikorrenti fegget biss hekk kif bdew il-proceduri ta' firda personali bejn l-esponenti u bint ir-rikorrenti (ittra nru. 778/17VZ). Inoltre r-rikors guramentat promotur la gie precedut mid-debita interpellanza, u jippekka kompletament minn dettalji kwalunkwe dwar l-allegat self.

2. Fit-tieni lok, ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tibqa' infondata fil-fatt u fil-ligi.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mill-Ligi, u jekk ikun il-kaz, hekk kif ir-rikorrenti joghgobhom jiccaraw il-premessi taghhom.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-istanti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-assistent ġudizzjarju.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għal radd lura ta' flus. L-atturi jikkontendu li huma kienu silfu s-somma ta' madwar €29,000 lill-konvenut, li jiġi r-raġel ta' binthom (illum il-ġurnata il-konvenut u bint l-atturi huma legalment separati). Skont l-atturi, dan is-self sar f'diversi okkażżjonijiet u l-konvenut radd lura biss madwar €2,000 akkont.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-konvenut huwa miżżewweġ lil bint l-atturi li jisimha Lorraine Borg. Il-konjuġi Borg kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali fiż-żmien illi ġiet intavolata din il-kawża u sseparaw fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Bejn il-konjuġi Borg kien hemm is-separazzjoni tal-beni.

L-atturi u l-familjari tagħhom li xehdu f'din il-kawża jikkontendu li l-attur kien f'diversi okkażżjonijiet silef il-flus lill-konvenut u dan billi bint l-attur kienet tmur titolbu l-flus għal żewġha u darba minnhom kienet marret omm il-konvenut ma' binha stess biex jitolbuh jisilfu l-flus. Lorraine Borg xehdet li l-konvenut kien jitlobha tissellef il-flus mingħand missierha u li dan ġara madwar erba' darbiet. Skont l-attur, il-konvenut kien ikollu bżonn il-flus biex iħallas il-pagi tal-impjegati tiegħu peress li jaħdem għal rasu fix-xogħol tal-bini u li dejjem kien hemm ftehim ċar bejniethom illi l-konvenut ser iħallsu lura.

Jirriżulta wkoll illi parti żgħira mill-flus li qed jirreklamaw l-atturi hija tal-pagament li għamel l-attur fuq kont tad-dawl u ilma tal-fond fejn kienu jgħixu l-konvenut u martu.

Dwar dan l-allegat self ta' flus, l-attur jgħid illi l-partijiet qatt ma għamlu xejn bil-miktub u li hu kien jgħaddi lill-konvenut flus kontanti li kien iżomm id-dar. Skont l-attur ukoll, il-partijiet qatt ma ftehmu dwar imgħax jew dwar meta l-konvenut għandu jroddlu l-flus lura imma li l-konvenut dejjem kien jgħidlu li ser iħallsu lura.

Il-konvenut jiċħad kategorikament li huwa qatt issellef xi flus mingħand l-atturi u jgħid illi din il-pretensjoni tal-atturi feġġet biss malli bdew il-proċeduri ta' firda personali bejnu u bint l-atturi. Il-familjari tal-konvenut li xehdu f'din il-kawża ddikjaraw ukoll li qatt ma semgħu xejn dwar xi self ta' flus bejn il-partijiet.

Mill-atti ma jirriżultax illi l-atturi sejħu lill-konvenut ġudizzjarjament għall-ħlas qabel l-intavolar ta' dawn il-proċeduri u konsegwentement, f'każ li jirriżulta li l-konvenut huwa debitur tal-atturi, huwa għandu jitqies illi tqiegħed in mora biss fid-data tal-preżentata tar-rikors promotur (artikolu 1130 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Din il-kawża tistrieħ fuq il-kredibiltà tax-xhieda u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom. Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Marzu 2004, fil-kawża fl-ismijiet Maria Xuereb et vs Clement Gauci et, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta' provi fil-kamp ċivili:

> "*Huwa paċifiku f'materja ta' konflitt ta' verżjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*
>
> 1. *Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewġ verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*
>
> 2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitor"*
>
> *Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*
>
> *Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewg verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (**Kollez. Vol L pII p440**).*"

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta' April 2003, fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe, ġie ppreċiżat hekk:

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)."*

Aktar riċenti, fid-deċiżjoni fl-ismijiet Chef Choice Limited vs Raymond Galea et, tas-26 ta' Settembru 2013, din il-Qorti diversament presjeduta kellha l-okkażżjoni tidħol f'dettall dwar kif għandu jiġi trattat l-oneru tal-prova. Intqal hekk:

*"Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Minn naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha;*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti tqis illi l-atturi bl-ebda mod ma rnexxielhom jikkonvinċu lill-Qorti mill-verżjoni tagħhom li huma silfu xi flus lill-konvenut. L-ewwel u qabel kollox, l-atturi m'għandhomx imqar dokument wieħed li jikkorrabora l-verżjoni tagħhom li għaddew xi flus bejn il-partijiet u l-uniċi xhieda li xehdu dwar l-allegat self kienu jew l-atturi stess jew uliedhom. L-attur ippreżenta biss fotokopja ta' dokument li fuqu hemm imniżżel is-somom ta' flus li jgħid li silef lill-konvenut f'kull okkażjoni u l-ħlas li jgħid li l-konvenut għamel akkont. Skont l-atturi u binthom din il-karta saret waqt laqgħa mal-avukat tagħhom li għaliha kien preżenti wkoll il-konvenut. Madanakollu, il-konvenut ċaħad li kien hemm xi laqgħa mal-avukat fejn iddiskutew xi self ta' flus. Fuq kollox, mhuwiex magħruf min irrediġa dan id-dokument li la fih data u lanqas firem.

Lorraine Borg tgħid li dejjem kien hemm l-inkwiet bejn iż-żewġ familji filwaqt li skont il-konvenut, wara s-sena 2011 il-familji lanqas biss baqgħu jitkellmu. Fil-fatt, sabiex il-konvenut u martu kienu marru jgħixu f'appartament li kien proprjetà tal-attur, kellhom jiffirmaw skrittura li fuqha obbligaw ruħhom li ma jippermettux lill-familjari tal-konvenut jidħlu fl-appartament jekk mhux bil-kunsens tagħhom it-tnejn. Mhijiex kredibbli allura l-verżjoni tal-attur li huwa kien ser jislef il-flus lill-konvenut u wisq inqas li omm l-konvenut marret tibki għandu flimkien ma binha sabiex titolbu jaghtih il-flus. Rilevanti wkoll huwa l-fatt inkontestat illi l-attur beda jitlob il-flus mingħand il-konvenut biss meta bdew il-proċeduri ta' firda personali bejn l-konvenut u bint l-attur.

Il-Qorti qieset ukoll illi ħlief għal okkażjoni waħda, l-attur jgħid illi l-flus dejjem kien jaghtihom lill-bintu u mhux lill-konvenut direttament u la l-atturi u lanqas il-familjari tagħhom ma setgħu jiftakru mqar sena partikolari meta għaddew xi flus bejn il-kontendenti. Sorprendentement, l-attur ma żammx imqar nota waħda dwar kemm bintu kienet qed tieħu flus u dan meta huwa xehed li qatt ma raha tieħu xi flus.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-attur jikkontradixxi ruħu:

- Dwar il-kont tad-dawl u l-ilma li jgħid li ħallas tal-appartament fejn kienu jgħixu l-konvenut u martu għaliex filwaqt li fl-affidavit tiegħu jgħid illi kien ħallas għax kien ilu pendenti u beża li ser jaqtghulhom id-dawl, in kontro eżami jgħid illi fil-fatt kienet bintu li talbitu sabiex iħallas;

- Dwar dakinhar illi allegatament omm il-konvenut marret għand l-attur ma' binha biex titolbu l-flus, fl-affidavit tiegħu jgħid illi omm il-konvenut marret tibki għandu għall-flus u qabad u tahomlhom imma in kontro eżami xehed illi fil-fatt il-konvenut kien ċempillu qabel biex jgħidlu li ġej għall-flus u kien għalhekk li dakinhar kellu l-flus fuqu.

Għalkemm huwa minnu li missier il-konvenut stqarr illi ibnu ġieli kellu problemi finanzjarji u huwa wisq probabbli li l-konvenut ġieli ssellef il-flus mingħand ommu, fin-nuqqas ta' prova konvinċenti, dan mhuwiex biżżejjed sabiex il-Qorti temmen il-verżjoni tal-atturi li l-konvenut kien issellef is-somma riklamata mingħandhom.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG